TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 161/18/B

Joseph Stev Mifsud
Vs
ROCS Group

Illum, 20 t' Mejju, 2019

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fid-21 Novembru 2018 li permezz tieghu talab rifuzjoni fl-ammont ta' hames mitt Euro (€500) li huwa kien rebah madwar erbgha (4) snin ilu sabiex tintuza ma' ROCS Travel, liema voucher l-intimati mhux qed jirrikonoxxu bhala validu peress illi skont l-istess intimate l-istess voucher illum ma ghadux validu.

Ra illi l-s-socjeta' intimata intavolat risposta nhar 11 ta' Dicembru 2018 fejn fost ohrajn resqet zewg eccezzjonijiet preliminari: "(1) *Illi fl-ewwel lok, u b'mod partikolari, jigi rilevat illi m'hemm l-ebda kumpannija jisimha ROCS group. Illi hija 'Charichelon Company' li hi moghnija b'personalita' guridika distinta filwaqt li ROCS Group hija semplicement brand name minghajr personalita' guridika distinta; (2) Illi fit-tieni lok, it-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur mhux kompetenti rationae materiae billi f'dan il-kaz ma tezistix relazzjoni ta' kummercjant u konsumatur bejn ir-rikorrent u s-socjeta' intimata*"

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi fl-avviz promutur ir-rikorrenti jilmenta illi madwar erba' (4) snin ilu huwa kien nghata Gift voucher sabiex jintuza ma ROCS Travel liema Gift Voucher ma kellux

indikata data sakemm kellu zmien biex jintuza. Illi r-rikorrenti jisjega illi ricentament mar sabiex jibbukja holiday ma' ROCS fejn gie infurmat illi l-€500 gift voucher ma kienx ghadu validu.

Illi preliminarjament it-Tribunal ser jindirizza l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u cioe' illi ROCS Group ma ghandix entita' legali izda hija s-socjeta' 'Charichelon Company Limited' illi ghandha personalita' guridika.

Illi t-Tribunal jirrileva illi r-rikorrenti minkejja illi gie spjegat lilu illi ROCS Group u cioe' l-entita' kontra min intavola r-rikors promutur ma' ghandux personalita' guridika izda hija 'Charchelon Company Limited' illi hija l-entita' b'personalita' guridika distinta filwaqt li 'ROCS Group' huwa biss l-isem ezergenti fil-kummerc tal-istess 'Charchelon Company Limited', l-istess rikorrenti baqa' jinsiti illi ma jridx jitlob korrezzjoni u l-avviz gie korrettament intavolat kontra ROCS Group.

Illi filfatt waqt l-istess seduta quddiem it-Tribunal l-istess rikorrenti nsist: *"Illi l-attur iddikjara illi l-kawza ghandha titmexxa kontra ROCS u insista illi ma jsir l-ebda korrezzjoni"*. B'hekk fic-cirkustanzi li ma saret l-ebda talba ghal korrezzjoni anzi din giet opposta mir-rikorrenti, t-Tribunal ma ghandu l-ebda alternattiva ghajr li jillibera mill-osservanza tal-gudizzju ROCS Group.

It-Tribunal ma jistax ma jirrilevax u ma jissolecitax pero' lill-Awtorita' u cioe' *Malta Competition and Consumer Affair Authority* li jilqghu l-ewwel ilmenti tal-konsumaturi tant illi jaghmlu anke medjazzjoni bejn il-konsumatur u l-kummercjant sabiex jindirizzaw istanzi bhal dawn fil-bidu nett tal-process. Illi l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur fl-Artikolu 23(4)(a) jaqra: *"Qabel ma talba tiġi preżentata quddiem tribunal, dik il- parti li tkun ser tagħmel it-talba għandha l-ewwel tirreferi t-talba lid-Direttur Ġenerali jew lil xi għaqda ta' konsumaturi reġistrata li <u>għandhom jippruvaw jwasslu lill-partijiet fi ftehim dwar il-kwistjonijiet</u> li jkun hemm"*. B'hekk l-Direttur Generali ghandha obbligu legali illi tipprova twassal lill-<u>partijiet</u> ghal ftehim, b'hekk isegwi illi l-istess partijiet ghandhom jkollhom l-personalita' guridika sabiex tilhaq dak il-ftehim. Liema fatt kien impossibli fil-kaz odjern gialadarba ROCS Group bhala entita' li ma ghandhiex personalita' guridika qatt ma setghet tilhaq ftehim mar-rikorrenti izda kienet biss Charichelon Company Limited li setghet taghmel dan.

Illi fic-cirkustanza t-Tribunal mhux ser jikkonsidra t-tieni eccezzjoni preliminary stante illi ma hemmx iktar l-htiega.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-intimat ROCS Group.

Kull parti kun responsabbli thallas l-ispejjez taghha.

Avv. Paul Borg
Arbitru